# L-Isqof Michele Molina u t-Twaqqif tal-Parroċċa tal-Għarb

**Joseph Galea** MD FRCS (CTh)

Kienet is-sena 1679. L-Ewropa kienet mifnija bil-ġlied bejn il-protestanti u l-kattoliċi jew aħjar bejn stati li jużaw ir-reliġjon biex jaħkmu artijiet u jikkapparaw iktar ġid. F'din is-sena, wara snin ta' gwerer Franza għamlet pattijiet tal-paċi mal-Ġermanja, l-Awstrija, l-Olanda, l-Iżvezja u l-Katalunja[1]. Fl-Ingilterra r-Re Karlu II iddissolva l-parlament darbtejn f'sena waħda biex ma jħallix lill-parlamentari jgħaddu l-*Exclusion Bill*, li kienet leġislazzjoni biex tipprojbixxi kattoliku milli jsir re tal-Ingilterra[2,3].

Malta u Għawdex kienu qegħdin jieħdu r-ruħ wara l-pesta l-kbira tal-1675-1676 li qerdet kwart tal-popolazzjoni ta' Malta (13,000 minn 55,000 ruħ)[4-6]. Il-pesta kienet ġabet għaks u ġuħ kbir[7] u issa l-ħajja bdiet tiġi bil-mod għan-normal. Il-Granmastru Nicholas Cottoner permezz tal-Kunsill għadda liġijiet biex itejjeb s-servizz tas-saħħa tal-poplu, mexxa l-quddiem is-Sacra Infermeria u waqqaf uffiċjalment l-iskola medika[8-10]. Nicholas Cottoner u ħuh Raphael li kien il-Granmastru ta' qablu, żejnu lill-knisja konventwali ta' San Ġwann biex saret *"ġojjel jgħammex l-għajn bil-kuluri u tiżjin li jħabbatha mal-aqwa eżemplari ta' dak iż-żmien."*[11].

Minħabba li l-gżira Għawdxija kienet indukrata aħjar bit-torrijiet li kienu nbnew madwar il-gżira fl-aħħar snin, l-attakki tal-furbani kienu naqsu sew u n-nies kienu bdew jażżardaw iktar jorqdu fl-irziezet u d-djar tagħhom fil-kampanja[12]. In-numru ta' nies li kienu jgħixu barra l-kastell żdiedu sew u magħhom żdiedu l-bżonnijiet materjali u spiritwali tagħhom. Minn ċensiment li sar mil-Arċipriet tal-Matriċi Don Giovanni Antonio Cammilleri u l-Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorg Dun Marianus Puglisi fl-1667 fuq ordni tal-Inkwiżitur wieħed jista' jara li għalkemm 56.9% tal-popolazzjoni t'Għawdex kienet tgħix fil-kampanja, kien għadu m'hemm l-ebda parroċċa l-barra mir-Rabat. L-iktar postijiet abitati kienu x-Xewkija b'403 persuni f'disgħin dar u l-Għarb b'324 persuna f'73 dar. Ma dawn tal-aħħar trid iżżid Ta' Ciangura fil-majjistral tal-Għolja ta' Dbieġi b'53 persuna f'10 t'idjar u oħrajn li ma nafux in-numru tagħhom li kienu jgħixu fil-limiti tad-Dwejra. B'kollox fin-naħa tal-Punent t'Għawdex kienu jabitaw iktar min 377 persuna[12].

Monsinjur Isqof Lorenzo Astiria miet fit- 3 ta' Jannar 1678. Laħaq Vigarju Kapitolari il-Kanoniku Ludoviku Famucelli li dak iż-żmien kien pro-inkwiżitur u dam sas-27 ta' Mejju meta l-Isqof l-ġdid ġie Malta[4,13]. Wara l-mewt tal-Isqof Astiria, il-Granmastru Nicholas Cottoner u l-kunsill tiegħu nnominaw lil Fra Miguel Jeronimo de Molina y Aragonés (Fig 1 u 2) jew kif nafuh aħna Michele Geralomo Molina li kien l-Elemożinarju tal-Granmastru, lil Fra Publio Theuma u Fra Domenico Muscat li kienu kappillani konventwali Maltin biex minnhom jintgħażel l-Isqof ta' Malta[4,13]. Il-bulla papali mil-Papa Klement IX waslet fit-18 t'April 1678 u Michele Gerolamo Molina ġie konsagrat 6 t'ijiem wara mil-Kardinal Carlo Pio di Savoia[13,14]. L-Isqof Molina twieled f' Castel d'Emposta (illum Amposta) fil-Katalunja f'Ottubru 1638. Ġie ordnat saċerdot tal-Ordni Militari, Ospitaliera u Sovrana ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, Rodi u Malta fil-5 ta' Marzu 1662 meta kellu 23 sena[14]. Meta sar Isqof ta' Malta, Michele Molina ħatar lill-Kanoniku Ludoviku Famucelli bħala Vigarju Ġenerali tiegħu[4,13].



***Figura 1: L-Isqof Michele Geralomo Molina[15]***

Fil-Vista pastorali tiegħu ta' Novembru 1678 f'Għawdex, l-Isqof Molina sab li l-popolazzjoni tal-inħawi barra mir-Rabat kienet kibret[16]. Waqt li l-Isqof kien Għawdex, delegazzjoni mix-Xewkija talbet lill-Isqof f'isem in-nies tal-lokal biex ix-Xewkija tinqata' parroċċa għaliha għaliex il-popolazzjoni tal-post kienet ta 650 u wegħdu li lesti jagħtu lill-kappillan tagħhom 2 tari minn għand kull familja[12]. L-Isqof ħareg id-digriet tat-twaqqif tal-Parroċċa tax-Xewkija *"Habita matura consideratione"* fis-27 ta' Novembru, l-aħħar jum tal-vista tiegħu f'Għawdex[12,17].



*Figura 2: L-arma ta' Isqof Michele Molina fil-Palazz tal-Isqof Valletta, Malta*

Il-knisja tal-Virtut jew taż-Żejt iddedikata lill-Viżitazzjoni ta' Marija lil Eliżabetta kienet ikkundanata fl-24 ta' Mejju 1657 minn Mons M.G. Balaguer[18] u n-nies tal-Għarb rranġawha kif setgħu[19]. Madankollu meta il-Vigarju Ġenerali Monsinjur Bologna żarha fl-1663 xorta ma sabhiex f'kundizzjoni tajba u ordna li terġa tinbena mil-ġdid[20]. Meta L-Isqof Luca Bueno għamel il-vista tiegħu fl-1667 sab il-knisja mgħammra b'lampier li kien jixgħel kuljum u lil Bastjan Grima li kien jieħu ħsieb il-knisja, ngħatatlu s-somma ta' 6 skudi biex bl-imgħax tagħhom ikun jista' jħallas għal quddiesa kantata nhar il-festa tal-Viżitazzjoni fit-2 ta' Lulju[20,21]. Il-knisja taż-Żejt reġgħet inbniet mil-1675 sal-1678 u din id-darba il-knisja tkabbret sew bil-għajnuna tal-benefattrici Domenicuzza Mifsud Piscopo li tat biżżejjed art biex titkabbar il-knisja, jinbena zuntier quddiemha u mad-dawra tagħha ikun hemm wisa biex isir ċimiterju (Fig 3)[20]. Meta l-bini kien tlesta fil-faċċata tal-knisja fuq il-bieb il-kbir inkitbet din l-iskrizzjoni li għadha hemm sal-lum "*Illustrissimus frater Laurentius di Astiria Episcopus Melinus Phanum hoc reintegrandum man davit populesque vero funditus demoliendum iterumque costruendum, Curavit 1675*" Din l-iskrizzjoni tgħid li l-Isqof ta' Malta Fra Lawrenz d'Astiria għamar li l-knisja għandha titwaqqa u tinbena mil-ġdid bil-pedamenti b'kollox u dan ix-xogħol inbeda fl-1675.



*Figura 3: L-ewwel knisja Parrokjali tal-Għarb imsejjħa taż-Żejt*

Issa li l-poplu tal-Għarb kien sar numeruż u kellu knisja diċenti xtaq li din issir knisja parrokkjali. Hekk kif ir-raħal tax-Xewkija nqata' bħala parroċċa, l-abitanti tal-Għarb għamlu petizzjoni lill-Isqof Molina biex l-Għarb isir parroċċa. Din it-talba ġiet iffirmata minn diversi nies fosthom, Ġanni Cuschieri, Marċell Cassar, Karlu Cauchi, Lawrenz Spiteri u Tumas Debrincat u nbagħtet lill-isqof fil-11 t'Awwissu 1679 f'isem 500 abitant li kienu joqogħdu fi 80 dar fl-Għarb[22]. Fil-petizzjoni huma kitbu li t-triq bejn l-Għarb u l-Matrici fir-Rabat hija twila ħafna u kien ikollhom jimxuha regulari biex ma jitilfgħux il-quddiesa obligatorja tal-Ħadd; ħafna minn dawn in-nies huma xjuħ jew ma jifilħux jimxu din it-triq; oħrajn kienu foqra wisq biex jixtru lbies xieraq għall-belt; barra minn dan biex jaslu fil-ħin għas-servizz tal-knisja kien ikollhom iqumu fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Xi drabi n-nisa ngħataw fastidju u anke ġew stuprati. Mat-talba bagħtu wkoll disinn sempliċi ta' mappa ta' kif kienu mqassmin id-djar fl-Għarb (Fig 4).



*Figura 4: Disinn ta' Mappa tal-Għarb li ġie ppreżentat lil-isqof mal-petizzjoni tan-nies tal-Għarb biex dan jinqata' parroċċa.*

Sadanittant l-Arċipriet tal-Matriċi tar-Rabat, ir-Reverendu Ġan Anton Camilleri miet u għal xi żmien is-sedja baqgħet vakanti u ma kienx hemm arċipriet[23]. Wara li rċieva l-petizzjoni l-Isqof Molina bagħat lil Vigarju Ġenerali Ludoviku Famucelli biex jara l-bżonnijiet tal-poplu tal-Għarb u fl-istess ħin jara xi progress għamlet il-parroċċa l-ġdida tax-Xewkija. Il-Vigarju ried li kull min jgħidlu xi ħaġa jieħu ġurament fuq is-sewwa ta' kliemu[24]. Fit-18 t'Awwissu 1679 Famucelli bagħat ir-rapport tiegħu lill-Isqof fejn wera li hu jaqbel li l-Għarb jixraqlu u għandu jinqata' parroċċa[24].

F'dak iż-żmien il-liġi kanonika kienet titlob li biex parroċċa ġdida tiġi ffurmata hemm il-bżonn li erba' kundizzjonijiet ikunu sodisfatti[12]. Dawn il-kundizzjonijiet huma li jrid ikun hemm *causa iusta*, jiġifieri raġuni pastorali ġusta; *locus congruus*, post xieraq għall-qima u l-adorazzjoni; *consensus Parochi*, l-isqof huwa obbligat jisma' l-opinjoni tal-kappillan tat-territorju minn fejn toħrog il-parroċċa l-ġdida għalkemm l-isqof setgħa ikompli bil-proċess mingħajr l-approvazzjoni tiegħu; *dos congrua*, l-isqof irid isib l-introjtu biex ikun jista' jżomm lill-kappillan il-ġdid[12]. Fil-kas tal-Għarb l-Isqof Molina kellu *causa iusta, locus congruus* u *dos congrua* u ma kellux bżonn *consensus Parochi* għax ma kienx hemm arċipriet tal-Matriċi f'dak iż-żmien.

l-Isqof Molina ra l-bżonn ta' parroċċa ġdida f'dan ir-raħal għaliex il-kleru tal-Assunta ma kienx ilaħħaq lanqas biex jagħti l-istruzzjonjiet meħtieġa biex il-fidili ikunu jafu sewwa t-tagħlim nisrani[24]. Għalhekk ma kellux triq oħra ħlief li jilqa t-talba tan-nies tal-Għarb u bagħat id-digriet tas-separazzjoni tal-parroċċa mil-Matrici tar-Rabat fid-29 t'Awwissu 1679[25].

Traduzzjoni libera ta' parti mid-digriet ťad-dismembrazzjoni tgħid[25]:

"L-Isqof ta' Malta u l-Kunsillier tar-Re minħabba raġuni soda minn kull lat, bil-kuntentizza ta' kulħadd u skont it-talba li saritlu minn dawk li jgħixu fix-xaqliba tal-Għarb fil-gżira t'Għawdex u wara li ra xewqa tagħhom ...billi hu jaħseb dejjem fis-salvazzjoni ta' l-erwieħ u li dawn kemm jista ikun ikunu moqdija mil-aħjar, kif ukoll mixtieq li jkompli max-xewqat murija lilu (mil-poplu tax-xaqliba tal-Għarb) u billi dan ir-raħal qiegħed madwar 3 mili 'l bogħod mil-Knisja Matriċi li tinsab fil-kastell tal-gżira diġa msemmija,... dan il-kastell jingħalaq matul il-lejl,... barra minn hekk n-nuqqas ta' tagħlim tal-misteri tal-fidi mqaddsa u d-defiċjenza fl-amministrazzjoni tas-Sagramenti għal żmien itwal milli huwa xieraq ikun ta' ħsara kbira għal ruħhom, għalhekk, bis-setgħa mogħtija lilna bid-digrieti u liġijiet tal-Imqaddes Konċilju ta' Trentu din ix-xaqilba tal-Għarb bil-knejjes kollha tagħha.... djar u l-poplu li jgħix f'dan il-post skond il-limiti li aħna nagħtuhom mill-Knisja Matrici taħt it-titlu tal-Assunzjoni tal-Beata Verġni, li qiegħda fil-Kastell ta' l-istess gżira, nifirdu, naqtgħu u nagħzlu lill-Knisja tal-Madonna msejjħa "tal-Virtu" li qiegħda f'dik in-naħa tal-Għarb u nwaqqfu bħala parroċċa ġdida bil-permess u d-dritt tal-kura ta' l-erwieħ, tal-qrar u għall-amministrazjoni tas-Sagramenti li jwettaqhom il-Kappillan kif ukoll bid-drittijiet, preminenzi, ufficcji, rigali, unuri u tiżjin... u nistqarru li bħala dota u ħlas lill-Kappillan kif jixraq aħna nagħtuh l-għexur mill-qamħ u x-xgħir u dak kollu li n-nies ta' dik il-parroċċa soltu jagħtu lill-Arċipriet tal-Matriċi u ma dan jieħu ukoll tlett irbiegħi minn kull dar barra ż-żejt ta' l-ikel, l-għexur u d-drittijiet tal-kappillan, mill-imsemmija Knisja ta' l-Għarb..... Nirriservaw id-dritt tal-kunsens ta' dan r-rikors u d-dispensa ta' din il-ħatra lill-Papa u lis-Santa Sede.

Mogħti mil-Palazz tagħna fil-Belt Valletta fil-jum tad-29 t'Awwissu 1679.

Fra Mikiel
Isqof ta' Malta."

Meta laħaq l-Arċipriet il-ġdid tal-Matriċi li kien Dun Karlu Magri ma qabilx mat-twaqqif tal-Parroċċa tal-Għarb u għalhekk intbagħat Dun Ludoviku Zammit min Ruma li kif ra l-qagħda tal-Għarb ma satax ma jaqbilx mat-talba ta' dak il-poplu[26]. L-Arċipriet Magri appella mid-deċiżjoni ta' Ruma u nfetħet kawża bejn il-Kanonku Magri u l-Parroċċa l-ġdida. Il-verdett tal-qorti f'Ruma qatagħha li l-Parroċċa għandha tibqa'[27,28]. L-Arċipriet ma qagħtax qalbu u reġa' appella Ruma, tilef il-kawża għat-tieni darba u għalhekk il-Parroċċa setgħet tgawdi l-indipendenza tagħha għal dejjem[29,30].

L-ewwel kappillan tal-Parroċċa l-ġdida ddedikata lil Viżitazzjoni tal-Imqaddsa Vergni Marija lil Sant'Elizabetta kien ir-Reverendu Giovanni Maria Camilleri mil-Belt Vittorja[31]. Ħa l-pussess fil-15 ta' Settembru 1679 min idejn Dun Alessandru Baglione li kien Pro-Vigarju tal-Isqof Molina f'Għawdex quddiem ix-xhieda Dun Anton Vella u Anton Apap[32]. Il-kappillan Camilleri kellu lil Dun Pawl Madiona u xi kjeriċi biex jgħinuh[33]. Fit- 3 ta'Novembru tal-1679 fl-Ewropa kollha kien hawn paniku kbir għaliex kometa kienet ser tgħaddi qrib ħafna tad-dinja u kulħadd kien qiegħed jaħseb li ser taħbat mad-dinja u teqridha[34].

L-ewwel magħmudija li ġiet irreġistrata fil-parroċċa tal-Għarb kienet ta Didaco iben Gratio and Anna Cauchi fil-5 ta' Diċembru 1679[35], l-ewwel mewt li tniżżlet fir-reġistru tal-parroċċa kienet ta' Natalizja Cauchi bint Ġużeppi Cauchi li mietet fil-25 ta' Novembru tal-1679[35] u l-ewwel żwieġ fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejt sar fit-30 t'April tal-1680 bejn Andrea Dimech u Domenica Borg[35].

Ġiovanni Maria Camilleri dam kappillan tal-Għarb sal-1712 u f'dan iż-żmien nbeda l-bini tal-knisja l-ġdida. Sar kanoniku tal-Matriċi tar-Rabat fl-1712 u ħames snin wara waqqaf l-Isptar Ċivili t'Għawdex. Miet assassinat f'daru fil-kastell t'Għawdex fit-30 t'Awwisu 1723 u ħalla ġidu kollu lil dan l-isptar. Hemm lapida fl-isptar l-qadim t'Għawdex li tikkommemora lil dan il-benefattur.

L-Isqof Molina baqa' Isqof ta' Malta sal 25 ta' Mejju 1682 meta ġie appuntat Isqof ta' Lérida fil-Katalunja, Spanja u dam isqof hemm sa ma miet fil-31 t'Awwissu 1698 ftit qabel ma għalaq sittin sena[14].

**Referenzi**

**1** Nolan, Cathal J (2008). Wars of the Age of Louis XIV, 1650-1715 An Encyclopedia of Global Warfare and Civilization (Greewood Encyclopaedias of Modern World Wars), Santa Barbara, California, USA: Greewood Publishers Group.

**2** Fraser Antonia (1979), King Charles II, London: Weidenfeld and Nicolson.

**3** Miller, John (1991), Charles II, London: Weidenfeld and Nicolson.

**4** Ferris Achille (1866) Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo. Malta, paġ 44-45.

**5** Cassar Paul (1964) Medical History of Malta, London: Wellcome Historical Medical Library, paġ 172-173.

**6** Savona Ventura Charles (2004) Knights Hospitallier Medicine in Malta 1530-1798. Malta: Publishers Enterprising Group Ltd, paġ 225-227.

**7** Del Pozzo Bartolomeo (1715) Historia della sacra religione militare di S. Giovanni Gerosolimitano detta di Malta. Venezia: Geralomo Albrizzi, Vol 2 paġ 445.

**8** Zammit Winston L (1980) Malta Under the Cottoners. Malta: Lux Press, paġ 15-20.

**9** Cassar Paul (1964) Medical History of Malta, London: Wellcome Historical Medical Library, paġ 437.

**10** Savona Ventura Charles (2004) Knights Hospitallier Medicine in Malta 1530-1798. Malta: Publishers Enterprising Group Ltd, paġ 140.

**11** Schermerhorn Elisabeth (1929) Malta of the Knights, London: Heinemann Ltd, paġ 192

**12** Bezzina Joseph (1995) The development of the village unit in Gozo after 1575. In Gozo and its Culture: Briguglio Lino, Bezzina Joseph (editors) Malta: Formatek and University of Malta, Gozo Centre, paġ 60-82.

**13** Zammit Winston L (1980) Malta Under the Cottoners. Malta: Lux Press, paġ 55-56.

**14** http://www.catholic-hierarchy.org/bishop/bmolinamj.html (accessed 10th June 2011).

**15** Borg Serafin (1978) Ix-Xewkija fi grajjiet il-kappillani u l-arċiprieti tagħha. Malta: Progress Press, paġ xii.

**16** Archivium Episcopale Gaudisiene Visitatio Pastoralis (1678) 55r.105v.

**17** Archivium Episcopale Gaudisiene Visitatio Pastoralis (1678) 1105r-v.

**18** Ferris Achille (1866) Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo. Malta, paġ 581.

**19** Formosa Patrick (1973) History of Għarb (unpublished BA thesis) Malta, paġ 49.

**20** Archivium Cathedrale Melitense. 55 f119v.

**21** Archivium Episcopale Gaudisiene Visitatio Pastoralis (1667) Mons Luca Bueno 14 ta' Ġunju 1667.

**22** Archivium Episcopale Gaudisiene Supererectione Insignis Collegiatae et Parocchialis Ecclesiae Casalis Garbo Insulae Gaulos de anno 1774 C.S 114 f 8.

**23** Borg Joseph (1974) Kappillani, kappillani Maġġuri u Arċiprieti tal-Matriċi, Kolleġġjata u Katidral t'Għawdex fi 350 Sena Kolleġġjata (Carmelo Scicluna u Ġiovanni B Gauci, edituri) Vittorja, Għawdex, paġ 45.

**24** Archivium Cathedrale Melitense. 11 f.228r.

**25** Bonnici Alexander (1975) Il-Matriċi Kolleġġjata tal-Assunta u l-ewwel Parroċċi t'Għawdex. Malta, paġ 116-117.

**26** Bonnici Alexander (1975) Il-Matriċi Kolleġġjata tal-Assunta u l-ewwel Parroċċi t'Għawdex. Malta, paġ 69.

**27** Ferris Achille (1866) Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo. Malta, paġ 577.

**28** Archivium Cathedrale Melitense. 55 f.122V

**29** Archivium Cathedrale Melitense. 55 f.151V

**30** Abela GF Ciantar GA (1780) Malta Illustrata Malta : lib 3, notizia 4 paġ 240.

**31** Camilleri Salvatore (1974) Grajjiet il-Kolleġġjata tal-Għarb. Malta: Għarb Stage Christophers, paġ 31.

**32** Atti Nutarili ta' Tumas Debono (1679) (li jinsabu fil-kurja tal-Isqof, Għawdex).

**33** Camilleri Salvatore. Storja tal-Għarb. Manusktit mhux ippaġinat).

**34** http://timelines.ws/subjects/Comets.HTML

**35** Liber Baptizarum, Confermati, Matrimonii, Mortuori .s cba1 (Arkivji tal-Uffiċċju Parrokjali, Għarb) (Katalogat minn Vella, Horatio Caesar Roger f' A Catalogue of the Archives of the Collegiate Basilica Church in Għarb, Gozo. Vol II, paġ 288.


# Reġġhet waslet!

**Kav Joe M Attard**



Reġgħet waslet din il-festa
Illi biha wisq kburin –
Festa illi tfakkarna
F'dawn iż-żewġ kbar Qaddisin.

It-toroq ta' ġo raħalna
Jinsabu kollha mżejnin,
U il-Banda f'nofs il-misraħ
Tagħtina noti ħelwin.

Il-Bnadar maż-żiffa jperpru,
Il-mixegħla kullimkien,
Il-murtali u tal-bomba
Lis-smewwiet jimlew bl-ilwien.

Il-knisja tagħna mżejna
B'damask, brazzi mixgħulin,
Id-djar kollha armati sewwa,
Parruċċani ferħanin.

U l-istatwa titulari
Ma treqatna dlonk iddur,
U aħna ulied Marija
Qalbna bil-ferħ kollha tfur.

Hekk kif int O Marija
Lil qaribtek mort iżżur,
Ibqa' dieħla fid-djar tagħna
Int tal-ġonna l-isbaħ fjur!

Bierek lix-xjuħ u lill-morda
U lil dawk li jduru bihom;
Itfa' ħarstek fuq iċ-ċkejkna
U kull ferħ, paċi agħtihom.

La tinsiex lil min imexxi
B'tant għaqal din il-parroċċa,
U mal-Kleru lilna għaqqad
Ħaġa waħda bħal qaqoċċa.

Evviva immela nagħajtu
Lil dawn iż-Żewġ Qaddisin
Patruni tar-raħal tagħna
Minna daqstant maħbubin.